FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru tnejn u erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tnejn 21 ta' Frar 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.45pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur A Debono<br>Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur P Dalli |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur D Marmara`, s-Sur S Camilleri u s-Sur C Bonello kitbu lill-Kunsill fejn talbu sabiex jiġu skużati mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li s-Sur D Marmara`, s-Sur S Camilleri u s-Sur C Bonello jiġu skużati għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Finanzi

1.01 Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Financial Statements* għas-sena 2010."

Is-Sur Lawrence Cauchi, l-*Accountant* tal-Kunsill intalab jispjega l-istess *Financial Statements* u jwieġeb għall-mistoqsijiet f'dan ir-rigward.

Wara li saret spjegazzjoni dettaljata u s-Sur Farrugia wieġeb il-mistoqsijiet li sarulu, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2946/11/6 "Li dan il-Kunsill japprova fil-prinċipju r-Rapport and Financial Statements kif ippreżentati salve għal xi fine-tuning li jrid isir jekk meħtieġ u li jiġi ċċirkulat qabel jintbgħatu". Din kienet

Mayor, vicemayor, councillors Dep & CI staff

sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2946/11/1 kienet approvata nem con.

1.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jeħtieġ li ssir il-Laqgħa tal-Lokalita' qabel il-Kunsill japprova l-*Budget* għas-Sena Finanzjarja 2011.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2945/11/6 "Sabiex issir il-laqgħa tal-lokalita fil-11 ta' Marzu 2011, fis-6:30pm sabiex jiġi approvat il-budget". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Il-mozzjoni ref: 2945/11/6 kienet approvata nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.10p.m.

Sindku

D/Segretarju